

31985L0572

L 372/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1985

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tad-19 ta' Diċembru 1985****li tistabbilixxi l-lista tas-simulanti sabiex jintużaw għat-testijiet tal-migrazzjoni tal-kostitwenti tal-materjali u l-oġġetti plastiċi maħsuba biex jidħlu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel**

(85/572/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 82/711/KEE tat-18 ta' Ottubru 1982 li tistabbilixxi r-regoli bażiċi meħtieġa għat-testijiet tal-migrazzjoni tal-kostitwenti tal-materjali u l-oġġetti plastiċi maħsuba biex jidħlu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽³⁾,

Wara li kkunsidra l-oġġinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽⁴⁾,

Billi bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(3), flimkien ma' l-ewwel inċiż tal-Kapitolu 1(2) ta' l-Anness mad-Direttiva 82/711/KEE, is-simulanti adatti sabiex jitwettqu t-testijiet ta' migrazzjoni għandhom jiġu indikati għall-materjali u l-oġġetti plastiċi maħsuba biex jidħlu f'kuntatt ma' oġġetti wieħed ta' ikel jew grupp speċifiku ta' oġġetti ta' l-ikel;

Billi ma għandhiex tiġi eskluża l-possibbiltà, fejn meħtieġ, li jsir użu mill-metodi għal testijiet oħra tal-migrazzjoni għajr dawk stabbiliti f'din id-Direttiva;

Billi, meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti s-simulanti adatti, għandha titqies b'mod partikolari l-kompożizzjoni kimika ta' l-oġġetti ta' l-ikel u tal-proprjetajiet fiżiċi tiegħu;

Billi, għal uħud mill-oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom ix-xaħam, ir-riżultat miksub mit-testijiet tal-migrazzjoni bis-simulanti huwa oġġetiv minn dak miksub mit-testijiet tal-migrazzjoni ma' l-oġġetti ta' l-ikel innifsu u billi għalhekk ir-riżultat għandu jiġi kkorreġut billi jiġi applikat "fattur tat-tnaqqis" adatt għas-sitwazzjoni partikolari; billi f'ċerti każi speċifiċi, b'mod partikolari dawk tal-materjali u ta' l-oġġetti f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel b'sustanzi tax-xaħam fil-wiċċ, l-eżistenza tal-metodi adatti ta' l-analiżi hija essenzjali sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva.

Billi l-adattament ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku jikkostitwixxi miżura ta' implimentazzjoni, li l-adozzjoni tagħha, sabiex il-proċedura tiġi ssimplifikata u mħaffa, għandha tkun fil-prinċipju, ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni;

Billi fil-każijiet kollha li fihom il-Kunsill jikkonferixxi fuq il-Kummissjoni l-awtorità sabiex timplimenta d-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-materjali u l-oġġetti plastiċi maħsuba li jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel, għandha tiġi stabbilita proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-ikel, stabbilit mid-Deċiżjoni 69/414/KEE ⁽⁵⁾,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Skond l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 82/711/KEE, is-simulanti li għandhom jintużaw għat-testijiet tal-migrazzjoni tal-kostitwenti tal-materjali u l-oġġetti plastiċi maħsuba biex jidħlu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel wieħed jew ma' grupp speċifiku ta' oġġetti ta' l-ikel u l-konċentrazzjoni ta' dawn is-simulanti għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness.

L-Artikolu 2

Minkejja l-Artikolu 1, il-lista tas-sustanzi jew tal-materjali li l-użu tagħhom huwa awtorizzat bl-esklużjoni ta' l-oħrajn kollha tista' tistabbilixxi l-proċeduri li jittestjaw il-migrazzjoni ta' kostitwenti partikolari ta materjali plastiċi u oġġetti li jiddifferixxu minn dawk stabbiliti fl-Anness fejn dan ikun xieraq.

L-Artikolu 3

L-adattamenti li għandhom isiru lill-Anness ma' din id-Direttiva fid-dawl tal-progress fit-tagħrif xjentifiku u tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 76/893/KEE ⁽⁶⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 297, tat-23.10.1982, p. 26.⁽²⁾ ĠU C 102, ta' l-14.4.1984, p. 4.⁽³⁾ ĠU C 175, tal-15.7.1985, p. 299.⁽⁴⁾ ĠU C 25, tat-28.1.1985, p. 6.⁽⁵⁾ ĠU L 291, tad-19.11.1969, p. 9.⁽⁶⁾ ĠU L 340, tad-9.12.1976, p. 19.

L-Artikolu 4

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1985.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard miż-żmien li fih jieħdu l-miżuri sabiex jimplementaw id-Direttiva 82/711/KEE.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. FISCHBACH

L-ANNEX

IL-LISTA TA' SIMULANTI

1. Fit-tabelli li ġejjin, li huma lista mhux eżawrjenti ta' l-oġġetti ta' l-ikel, is-simulanti li għandhom jintużaw fit-testijiet tal-migrazzjoni ma' oġġett ta' l-ikel partikolari jew ma' grupp ta' oġġetti ta' l-ikel huma identifikati bl-ittri murija:

Is-Simulant A:

l-ilma ddistillat jew l-ilma ta' kwalità ekwivalenti;

Is-Simulant B:

3 % aċidu aċetiku (w/v) f'soluzzjoni milwiema;

Is-Simulant Ċ:

15 % etanol (v/v) f'soluzzjoni milwiema;

Is-Simulant D:

iż-żejt taż-żebuga rrettifikat⁽¹⁾; jekk għal raġunijiet tekniċi, konnessi mal-metodu ta' l-analiżi huwa meħtieġ li jintużaw simulanti differenti, iż-żejt taż-żebuga għandu jiġi mibdul b'taħlita ta' trigliċeridi sintetiċi⁽²⁾, jew b'żejt tal-ward tax-xemx⁽³⁾.

2. Għal kull oġġett ta' l-ikel jew grupp ta' oġġetti ta' l-ikel, is-simulant/i indikat/i bi "X" biss għandu/għandhom jintuża/w, billi għal kull simulant jintuża kampjun ġdid tal-materjali u tas-suġġett ikkonċernati. Meta ma tidher l-ebda "X", l-ebda test tal-migrazzjoni mhu meħtieġ għall-intestatura jew is-subintestatura ikkonċernati.
3. Meta l-"X" tiġi segwita minn linja oblikwa u ċifra, ir-risultat tat-testijiet tal-migrazzjoni għandu jiġi diviż bin-numru indikat. Fil-każ ta' ċerti tipi ta' oġġetti ta' l-ikel bix-xaħam din iċ-ċifra, magħrufa bħala l-"fattur tat-tnaqqis", hija użata b'mod konvenzjonali sabiex titqies il-kapaċità ikbar estrattiva tas-simulant għal dawn l-oġġetti ta' l-ikel.
4. Meta l-ittra "a" tidher fil-parentesi wara l-"X", għandu jintuża biss wieħed miż-żewġ simulanti mogħtija:
- jekk il-valur tal-pH ta' l-oġġett ta' l-ikel ikun oġhla minn 4,5, għandu jintuża s-simulant A,
 - jekk il-valur tal-pH ta' l-oġġett ta' l-ikel huwa 4,5 jew inqas, għandu jintuża s-simulant B,
5. Meta oġġett ta' l-ikel huwa elenkat taħt intestatura kemm speċifika u kemm ġenerali, is-simulant/i indikat/i taħt l-intestatura speċifika biss għandu/hom jintuża/w.

⁽¹⁾ **Il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebug rrettifikat**

Il-valur tal-jodju (Wijs)	= minn 80 sa 88
L-indiċi refrattiv f'temperatura ta' 25 °C	= minn 1,4665 sa 1,4679
L-aċidità (espressa bħala % ta' l-aċidu olejku)	= massimu ta' 0,5 %
In-numru tal-perossidu (espress bħala milli-ekwivalenti ta' l-ossiġenu għal kull kg żejt)	= massimu ta' 10

⁽²⁾ **Il-kompożizzjoni tat-taħlita tat-trigliċeridi sintetiċi**

Id-distribuzzjoni ta' aċidu xaħmi

In-numru ta' l-atomi-Ċ fil-fdal ta' l-aċidu xaħmi	6	8	10	12	14	16	18	oħrajn
L-area tal-GLC (%)	~1	6 sa 9	8 sa 11	45 sa 52	12 sa 15	8 sa 10	8 sa 12	≥ 1

Is-safa

Il-kontenut tal-monogliċeridi (enzimatikament) ta'	< 0,2 %
Il-kontenut tad-digliċeridi (enzimatikament) ta'	< 2,0 %
Il-materja mhux saponifikabbli ta'	< 0,2 %
Il-valur tal-jodju (Wijs) ta'	< 0,1 %
Il-valur ta' l-aċidu ta'	< 0,1 %
Il-kontenut ta' l-ilma (K. Fischer)	< 0,1 %
It-temperatura ta' meta jinħall	28 ± 2 °C
<i>L-ispectrum tipiku ta' assorbiment (ħxuna tas-saff: d = 1 cm; referenza: l-ilma = 35 °C)</i>	
Il-wavelength (nm) ta'	290 310 330 350 370 390 430 470 510
It-trasmittanza (%) ta'	~2 ~15 ~37 ~64 ~80 ~88 ~95 ~97 ~98
Mill-inqas 10 % ta' trasmittanza tad-dawl f'310 nm (ċellola ta' 1 cm, referenza: l-ilma = 35 °C)	

⁽³⁾ **Il-karatteristiċi taż-żejt tal-ward tax-xemx**

Il-valur tal-jodju (Wijs)	= minn 120 sa 145
L-indiċi refrattiv f'temperatura ta' 20 °C	= minn 1,474 sa 1,476
In-numru tas-saponifikazzjoni	= minn 188 sa 193
Id-densità relattiva f'temperatura ta' 20 °C	= minn 0,918 sa 0,925
Il-materja mhux saponifikabbli	= minn 0,5 % sa 1,5 %

IT-TABELLA

In-numru tar-referenza	Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel	Is-simulanti li għandhom jintużaw			
		A	B	Ċ	D
01	Ix-Xorb				
01.01	Ix-xorb mhux alkoħoliku jew ix-xorb alkoħoliku b'qawwa alkoħolika ta' inqas minn 5 % vol.: L-ilma, is-cider, il-meraq tal-frott jew tal-ħaxix ta' l-ikel ta' qawwa normali jew ikkonċentrat, il-mostu, in-nettaru tal-frott, il-luminati u l-ilma minerali, ix-xiroppi, il-bitters, l-infużjonijiet, il-kafè, it-te, iċ-ċikkulata likwida, il-birra u oħrajn	X (a)	X (a)		
01.02	Ix-xorb alkoħoliku ta' qawwa alkoħolika ta' 5 % jew aktar.: Ix-xorb muri taħt l-intestatura 01.01 iżda b'qawwa alkoħolika ta' 5 % jew aktar: L-inbejjed, l-ispirti u l-likuri		X (*)	X (**)	
01.03	Mixxellanji: l-etil alkoħol mhux żnaturat		X (*)	X (**)	
02	Iċ-Ċereali, il-prodotti miċ-ċereali, il-ħelu ta' l-għaġina, il-gallettini, il-kejkijiet u oġġetti oħra li jinbiegħu mill-furnara				
02.01	Il-Lamti				
02.02	Iċ-Ċereali, mhux ipproċessati, minfuħa, fi <i>flakes</i> , (inklużi l- <i>popcorn</i> , il- <i>corn flakes</i> u oġġetti simili)				
02.03	Id-dqiq taċ-ċereali u l-qamħ mitħun oħxon				
02.04	L-imqarrun, l-ispagetti u prodotti simili				
02.05	Il-ħelu ta' l-għaġina, il-gallettini, il-kejkijiet u oġġetti oħra li jinbiegħu mill-furnara, xotti: A B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ B Oħrajn				X/5
02.06	Il-Ħelu ta' l-għaġina, il-kejkijiet u oġġetti oħra li jinbiegħu mill-furnara, friski: A B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ B Oħrajn	X			X/5
03	Iċ-Ċikkulata, iz-zokkor u prodotti tagħhom Il-prodotti tad-dolċerija				
03.01	Iċ-ċikkulata, il-prodotti miksija biċ-ċikkulata, is-sostituti u l-prodotti miksija bis-sostituti				X/5
03.02	Prodotti ta' dolċerija A Fl-għamla solida: I. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ II. Oħrajn				X/5

In-numru tar-referenza	Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel	Is-simulanti li għandhom jintużaw			
		A	B	Ċ	D
	B. Fl-għamla ta' <i>paste</i> : I. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ II. Umdi				X/3
03.03	Iz-Zokkor u l-prodotti miz-zokkor: A. Fl-għamla				
	B. Għasel u prodotti simili	X			
	Ċ. Il-ġulepp magħqud u l-ġulepp taz-zokkor	X			
04	Il-Frott, il-ħxejjex ta' l-ikel u l-prodotti minn dawn				
04.01	Il-frott sħiħ, frisk jew imkessaħ				
04.02	Il-Frott iproċessat A. Il-Frott imnixxef jew iddeidrat, sħiħ jew fl-għamla ta' dqiq jew trab B. Il-frott fl-għamla ta' biċċiet ħoxnin, ta' purè jew tal- <i>paste</i> Ċ. Il-Priservi tal-frott (il-ġammijiet jew prodotti simili – il-frott sħiħ jew f'biċċiet ħoxnin jew fl-għamla ta' dqiq jew ta' trab, ippreservati f'medju likwidu): I. F'medju milwiem II. F'medju żejtni III. F'medju alkoħoliku (> 5 % vol.)	X (a)	X (a)		
04.03	Il-ġewż (il-karawett, il-qastan, il-lewż, il-ġellewż, il-ġewż, iż-żerriegħa tal-prinjol u oħrajn): A. Mingħajr qoxra, imnixxfen B. Mingħar qoxra u inkaljati Ċ. Fl-għamla ta' <i>paste</i> jew krema				X/5 (***) X/3 (***)
04.04	Il-Ħaxix ta' l-ikel sħiħ, frisk jew imkessaħ				
04.05	Ħaxix iproċessat: A. Il-Ħaxix ta' l-ikel imnixxef jew iddeidrat sħiħ jew fl-għamla ta' dqiq jew trab B. Il-Ħxejjex ta' l-ikel, imqattgħin, fl-għamla ta' purejiet Ċ. Il-Ħaxix ta' l-ikel ippreservat: I. F'medju milwiem II. F'medju żejtni III. F'medju alkoħoliku (≥ 5 % vol.)	X (a)	X (a)		X
05	Ix-Xaħmijiet u ż-żjut				
05.01	Ix-xaħmijiet u ż-żjut mill-annimali u mill-ħxejjex ta' l-ikel, sewwa jekk naturali u sewwa jekk ittrattati (li jinkludi l-butir tal-kawkaw, ix-xaħam, il-butir issolidifikat mill-ġdid)				X
05.02	Il-margarina, il-butir u xaħmijiet u żjut oħra magħmula mill-emulsjonijiet ta' ilma fiż-żejt				X/2

In-numru tar-referenza	Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel	Is-simulanti li għandhom jintużaw			
		A	B	Ċ	D
06	Il-Prodotti mill-annimali u l-bajd				
06.01	Il-ħut:				
	A. Frisk, imkessaħ, immellaħ, iffumikat	X			X/3 (***)
	B. Fil-għamla ta' <i>paste</i>	X			X/3 (***)
06.02	Il-krustaċċi u l-molluski (inklużi l-gajdri, il-maskli, il-bebbux tal-baħar) li mhumiex protetti naturalment mill-qoxra tagħhom	X			
06.03	Il-laħam ta' l-ispeċċi żooloġiċi kollha (inklużi t-tjur u l-kaċċa):				
	A. Friski, imkessaħ, immellaħ, iffumikati	X			X/4
	B. Fl-għamla ta' <i>paste</i> , kremi	X			X/4
06.04	Il-Prodotti mil-laħam ipproċessat (il-perżut, is-salami, il-bejken u oħrajn)	X			X/4
06.05	Ħut u laħam preservat u parti-ppreservat				
	A. Fmedju milwiem	X (a)	X (a)		
	B. Fmedju żejtni	X (a)	X (a)		X
06.06	Il-bajd mhux fil-qoxra:				
	A. Fl-għamla ta' trab jew imnixxef				
	B. Oħrajn	X			
06.07	L-isfra tal-bajd:				
	A. Likwidi	X			
	B. Fl-għamla ta' trab jew iffriżati				
06.08	L-abjad tal-bajd imnixxef				
07	Il-Prodotti mill-ħalib				
07.01	Il-ħalib:				
	A. Ših	X			
	B. Imnixxef sa ċertu punt	X			
	Ċ. Xkumat jew xkumat parzjalment	X			
	D. Imnixxef				
07.02	Il-ħalib iffermentat bħal <i>yoghurt</i> , ix-xorrox tal-butir u prodotti bħal dawn b'assoċjazzjoni mal-frott u l-prodotti mill-frott.		X		
07.03	Il-krema u l-krema qarsa	X (a)	X (a)		
07.04	Il-ġobnijiet:				
	A. Šaħ, bil-qoxra				
	B. Yl-ġobnijiet ipproċessati	X (a)	X (a)		
	Ċ. L-oħrajn kollha	X (a)	X (a)		X/3 (***)

In-numru tar-referenza	Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel	Is-simulanti li għandhom jintużaw			
		A	B	Ċ	D
07.05	It-Tames: A. Fl-għamla likwida jew viskuża B. Fl-għamla ta' trab jew imnixxef	X (a)	X (a)		
08	Prodotti mixxellanji				
08.01	Il-Hall		X		
08.02	L-ikel moqli jew fil-forn: A. Il-Patata moqlija, il-fritturi u oġġetti bħal dawn B. Ta' oriġini mill-annimali				X/5 X/4
08.03	It-Tħejjijiet għas-sopop, għall-brodijiet, fl-għamla likwida, solida jew trab (l-estratti, il-konċentrati); it-tħejjijiet ta' l-ikel kompost u omoġenizzat, platti mħejjija: A. Fl-għamla ta' trab jew imnixxfa I. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ II. Oħrajn B. Likwidi jew <i>paste</i> : I. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ II. Oħrajn				X/5 X/3
08.04	Il-ħmira u l-aġenti li jkabbru: A. Fl-għamla ta' <i>paste</i> : B. Imnixxfa	X (a)	X (a)		
08.05	Il-melħ				
08.06	Iz-Zlazi: A. Mingħajr sustanzi xaħmija fil-wiċċ B. Il- <i>mayonnaise</i> , iz-zlazi mnissla mill- <i>mayonnaise</i> , il-kremi għall-insalata u żejt ieħor femulsjonijiet ta' l-ilma Ċ. Iz-Zalza li jkun fiha ż-żejt u l-ilma li jiffurmaw żewġ saffi distinti	X (a) X (a) X (a)	X (a) X (a) X (a)		X/3 X
08.07	Il-Mustarda (għajr il-mustarda fl-għamla ta' trab taħt l-intestatura 08.17)	X (a)	X (a)		X/3 (***)
08.08	Is- <i>Sandwiches</i> , il-ħobż mixwi u prodotti bħal dawn li jkun fihom kull tip ta' oġġett ta' l-ikel: A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ B. Oħrajn				X/5
08.09	Il-Ġelati	X			
08.10	L-ikel imnixxef: A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ B. Oħrajn				X/5

In-numru tar-referenza	Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel	Is-simulanti li għandhom jintużaw			
		A	B	Ċ	D
08.11	L-Ikel iffriżat jew iffriżat bil-qawwi				
08.12	L-Estratti kkonċentrati tal-qawwa alkoħolika ta' 5 % vol jew aktar:		X (*)	X	
08.13	Il-kawkaw/kokodina: A. It-trab tal-kawkaw (il-kokodina) B. Il-paste tal-kawkaw/kokodina				X/5 (***) X/3 (***)
08.14	Il-Kafè, inkaljat jew le, dekafeinat jew li jinħall fl-ilma, is-sostituti tal-kafè, fl-għamla ta' granuli jew trab				
08.15	L-estratti tal-kafè likwidu	X			
08.16	Il-Ħwawar aromatiċi u ħwawar oħra: Il-kamomilla, il-ħobbejża, in-nagħniegħ, it-tè, iż-żahar tal-lime u oħrajn				
08.17	L-ispices u t-taħwir ta' l-ikel fl-istat naturali: il-kannella, l-imsiemer tal-qronfol, it-trab tal-mustarda, il-bżar, il-vanilla, iż-żagħfran u oħrajn				

(*) Dan it-test għandu jitwettaq biss fil-każijiet fejn il-pH ikun ta' 4,5 jew anqas.

(**) Dan it-test jista' jitwettaq fil-każ tal-likwidi u x-xorb ta' qawwa alkoħolika ta' aktar minn 15 % vol. b'soluzzjonijiet milwiema ta' l-etanol ta' qawwa simili.

(***) Jekk jista' jintwera permezz ta' test approprijat illi ma jeżisti l-ebda "kuntatt xaħmi" mal-plastik, it-test bis-simulant D jista' ma jsirx.